Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi

Nru. 498 ĠUNJU 2018

## ID-DON TAL-ISPIRTU S-SANTU

"Ġesù ma bagħatx l-Ispirtu s-Santu fuq il-qaddisin, imma fuq bnedmin dgħajfa biex jgħinhom jegħlbu l-limiti tagħhom. Fil-fatt, meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli, fosthom kien hemm min kellu d-dubji dwar Ġesù, min ma fehemx il-grajja tal-Kalvarju, min ċaħdu. Għax beżgħu li l-folla tassoċjahom mal-Imsallab, ingħalqu fiċ-Ċenaklu. Għalkemm kienu ilhom tliet snin ma' djulu, kienu għadhom ma fehmux ħafna minn dak li kien qalilhom! Safrattant, Ġesù ma jparparhomx u lanqas iċanfarhom, imma, konxju miċ-ċkunija tagħhom, jibgħatilhom il-"Paraklitu", li jfisser wieħed li jgħinhom (Ġw 15:26). Ġesù bagħtilhom lill-Ispirtu s-Santu biex ikun "qrib tagħhom" u qatt kontra tagħhom – ukoll xħin qalbhom takkużahom, ikun hemm xi ħadd li hu akbar minn qalbhom u jiddefendihom." (Mons. Isqof Mario Grech, Omelija fis-Solennità ta' Għid il-Ħamsin, *Katidral tal-Assunta, il-Belt Victoria, Il-Ħadd 20 ta' Mejju 2018*)

## Pellegrinaġġ Djoċesan

għar- **Redentur tal-Isla**

**immexxi minn Mons. Mario Grech**
**Isqof ta' Għawdex**

*Il-Ħadd 10 ta' Ġunju 2018*

Nieħdu sehem fil-Pontifikal Solenni u fil-Purċissjoni bl-istatwa tar-Redentur.

Tluq mal-vapur tat-3.00pm
Lura mal-vapur tal-9.45pm

Ħlas ta' €4 (għat-trasport bil-kowċ miċ-Ċirkewwa għall-Isla u lura).

Ibbukkjaw u ħallsu fil-parroċċa jew il-knisja tagħkom sa mhux aktar tard mill-4 ta' Ġunju.

# *appuntamenti mid-djarju...*

### JUM DINJI TAD-DONATURI TAD-DEMM

*Il-Ħamis 14 ta' Ġunju*
*Fuq l-eżempju ta' Ġesù, li xerred demmu għalina, inkunu aħna wkoll donaturi tad-demm!*

Is-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm jinfurmanA li d-demm f'Għawdex beda jinġabar fil-Berġa tax-Xewkija, biswit l-iskola primarja.

### ĊELEBRAZZJONI TA' RADD IL-ĦAJR GĦALL-KATEKISTI

Fil-Parroċċa Santwarju tal-Qalb ta' Ġesù, Fontana
**L-Erbgħa, 6 ta' Ġunju**
**7.00pm**

Imexxi l-E.T. Monsinjur Mario Grech, Isqof t'Għawdex. Ikun hemm Ruzarju, Quddiesa u affidament tal-katekisti kollha lill-Verġni Mbierka

*Il-Katekisti u s-soċji tal-MUSEUM tad-Djoċesi huma mistiedna jattendu.*

### SOLENNITÀ TAL-QALB TA' ĠESÙ

**Jum Dinji ta' Talb għall-qdusija tas-saċerdoti**
**Il-Ġimgħa 8 ta' Ġunju**

Nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Ġunju taħbat is-Solennità Liturġika tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. F'din il-ġurnata fil-Parroċċi kollha u f'diversi knejjes oħra ssir ġurnata ta' Talb u Adorazzjoni Ewkaristika Solenni għall-Qdusija tas-Saċerdoti.

*Fil-Parroċċa tal-Fontana ssir Siegħa Adorazzjoni (5.00pm) għall-Qdusija tas-Saċerdoti stess, mmexxija mill-E.T. Mons Mario Grech Isqof t'Għawdex.*

### JUM IS-SEJĦA TAL-MADONNA TA' PINU LIL KARMNI GRIMA

**Il-Ġimgħa 22 ta' Ġunju**

Nhar il-Ġimgħa 22 ta' Ġunju 2018 jaħbat il-135 Anniversarju ta' meta, permezz ta' Karmni Grima, il-Madonna sejħitilna « Ejja, Ejja » u stednitna nersqu lejha. Żgur li l-Għawdxin flimkien ma' ħafna minn ħutna Maltin jersqu f'dan il-jum jitolbu f'dan is-Santwarju għażiż.

Fost il-funzjonijiet li jsiru f'Ta' Pinu f'dan il-jum, fid-9.00am ikun hemm Pontifikal Solenni mmexxi mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex, li jiġi mxandar minn Radju Marija. Fl-10.10am tingħad is-Supplika tal-Madonna mill-istess Santwarju, mxandra mill-R.T.K. u minn Radju Marija, u mis-1.00 sal-4.30p.m ssir l-adorazzjoni.
Quddies fil-5.00p.m u fit-8.00pm.Fid-9.00pm.purċissjoni u Rużarju mill-Isqof Mario Grech.

### VELJA TA' TALB U ORDINAZZJONI SAĊERDOTALI

**tad-Djaknu Joseph Hili**
**Il-Ġimgħa 15 ta' Ġunju 2018**
**Knisja Katidrali – 6.30pm.**

Lejlet l-ordinazzjoni, il-Ħamis, issir Velja ta' Talb fis-Seminarju, fit-8.00pm.

*Nitolbu għall-Vokazzjonijiet.*

| | |
|---|---|
| 1. Il-Ġimgħa | San Ġustinu, Martri. Tifkira (O).<br>**L-ewwel Ġimgħa tax-xahar**. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Laqgħa għall-Persuni Separati (Istitut tal-Familja Papa Ġwann Pawlu II). / Quddiesa għall-Professjonisti (Knisja ta' Santu Wistin - 8.30pm. Nofsiegħa qabel ikun hemm il-qrar). |
| 2. Is-Sibt | San Marċellinu u San San Pietru, Martri (Tifkira).<br>L-ewwel Sibt tax-xahar. / Ċenaklu tal-Azzjoni Kattolika (Dar Ċentrali - 4.30pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb,Victoria- Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **3. Il-Ħadd** | **Il-Ġisem u d-Demm Għażiż tal-Mulej. Solennità.**<br>Festa ta' Kristu Ewkaristiku Salvatur (Parroċċa Għasri).<br>Il-11 Anniversarju mill - Kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca (3/06/2007). |
| 4. It-Tnejn | San Pietru ta' Verona, Presbiteruu Martri. Tifkira. |
| 5. It-Tlieta | San Bonifaċju, Isqof u Martri. Tifkira (O). |
| 6. L-Erbgħa | San Norbertu, Isqof. Tifkira.<br>Il-5 Erbgħa ta' Santa Marija. / Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani. /<br>Quddiesa ta' Radd il-ħajr għall-Katekisti u għas-Soċji kollha tad-duttrina immexxija mill-Isqof Mario Grech (Parroċċa tal-Fontana - 7.00pm). |
| 7. Il-Ħamis | Sant'Antnin Marija Gianelli. Tifkira.<br>Is-Sette Giugno (Festa Nazzjonali). / Ħarġa bit-trejn għall-Adulti (Azzjoni Kattolika).<br>Mixja ta' tħejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja tal-familja (Dan San Ġużepp, Santa Venera, Malta). |
| 8. Il-Ġimgħa | **Il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Solennità.**<br>Jum ta' Talb għall-Qdusija tas-saċerdoti. Adorazzjoni għas-saċerdoti (Fontana - 5pm). |
| 9. Is-Sibt | Il-Qalb Bla Tebgħa tal-Imqaddsa Verġni Marija. Tifkira (O).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja tal-Qalb ta' Ġesù - Nadur - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **10. Il-Ħadd** | **L-Għaxar Ħadd ta' matul is-sena. Sena B.**<br>Festa ta' Sant'Antnin (Franġiskani Minuri, Mġarr, Għajnsielem).<br>Pellegrinaġġ Djoċesan għar-Redentur tal-Isla. |
| 11. It-Tnejn | San Barnaba, Appostlu, Tifkira (O). |
| 12. It-Tlieta | Santa Pawla Frassinetti. Tifkira. / Jum Dinji kontra ix-Xogħol tat-Tfal (ĠM). |
| 13. L-Erbgħa | Sant'Antnin ta' Padova, Presbiteru u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>It-2 Dehra tal-Madonna ġewwa Fatima (Knisja ta' Ħamet: 6.00pm: Adorazzjoni 7.00pm. Quddiesa u Pellegrinaġġ ta' Talb). / Is-6 Erbgħa ta' Santa Marija.<br>Laqgħa tal-Kummissjoni Djoċesana Familja (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawl II- 7.30pm). |
| 14. Il-Ħamis | Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm (ĠM).<br>Velja ta' talb bi tħejjija għall-Ordinazzjoni Saċerdotali tad-Djaknu Joseph Hili (Seminarju – 8pm). / Laqgħa għall-Persuni Separati (Istitut tal-Familja Papa Ġwann Pawlu II). |
| 15. Il-Ġimgħa | Ordinazzjoni tal-Presbiterat (Katidral fis-6.30pm.). |
| 16. Is-Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Savina -Rabat - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **17. Il-Ħadd** | **Il-Ħdax - il Ħadd ta' matul is-sena. Sena B. / Jum il-Missier.**<br>Festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù (Parroċċa Fontana / Knisja tal-Qalb ta' Ġesù, in-Nadur). |
| 18. It-Tnejn | San Girgor Barbarigo. Tifkira. |
| 19. It-Tlieta | San Romwaldu Abbati.Tifkira. |
| 20. L-Erbgħa | San Silverju Papa.Tifkira. / Is-7 Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 21. Il-Ħamis | San Alwiġi Gonzaga, Reliġjuż.Tifkira (O). |
| 22. Il-Ġimgħa | Tifkira tal-135-Anniversarju tas-sejħa tal-Madonna Ta' Pinu lil Karmni Grima. Festa fis-Santwarju Ta' Pinu. |
| 23. Is-Sibt | San Ġużepp Cafasso. Tifkira.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Ħamet - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **24. Il-Ħadd** | **It-Twelid ta' San Ġwann Battista. Solennità.**<br>Festa ta' San Ġwann Battista (Parroċċa Xewkija). |
| 25. It-Tnejn | San Guliermu ta' Vercelli. Tifkira. |
| 26. It-Tlieta | San. Josè Maria Escrivà. Tifkira. / Jum Internazzjonali kontra d-Droga (ĠM). |
| 27. L-Erbgħa | San Ċirillu ta' Lixandra, Isqof u Duttur tal-Knisja. Tifkira.<br>Laqgħa ta' Aġġornament u Agape Fraterna għar-Reliġjuzi, Membri tal-Istituti Sekulari u Lajċi kkonsagrati (Sorijiet Klarissi - 4pm.). / It-8 Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 28. Il-Ħamis | San Irinew, Isqof u Martri. Tifkira (O).<br>**Filgħaxija vġili ta' San Pietru u San Pawl. Solennità.** |
| 29. Il-Ġimgħa | **San Pietru u San Pawl, Appostli. Solennità**.<br>Festa ta' San Pietru u San Pawl (Parroċċa Nadur). |
| 30. Is-Sibt | L-Ewwel Martri ta' Ruma.Tifkira. / Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa tal-Munxar (6.15 pm Adorazzjoni u- 7.15 pm Quddiesa). / Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Santu Wistin ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |